Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 544/2001/1

**Peter Farrugia**

**v.**

**Carmelo Farrugia, Longino Farrugia, Antonio Farrugia, Joseph Farrugia, Spiridione Farrugia, Lourdes Deguara, Teresa Farrugia, Katerina Busuttil u Mary Bartolo**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan huwa appell interpost mill-attur Peter Farrugia minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim Awla, fl-20 ta' April 2004 fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha dik il-Qorti kienet iddecidiet li gej:
"Il-Qorti:

"F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex li jħassar żewġ atti pubbliċi li kien parti fihom għax qiegħed igħid illi l-kunsens tiegħu ttieħed b'qerq.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur u ħutu l-konvenuti kienu maħtura minn missierhom Giovanni Maria Farrugia werrieta tiegħu f'ishma ndaqs b'testment tal-5 ta' Frar 1997 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani. Giovanni Maria Farrugia miet fil-15 ta' Marzu 1999, u l-attur u ħutu resqu għall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' trasmissjoni *causa mortis* u ta' l-att ta' immissjoni fil-pussess fl-14 ta' Ġunju 1999, ukoll fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani.

"L-attur, iżda, igħid illi l-kunsens tiegħu għal dawn l-atti ttieħed b'qerq. Għalhekk qiegħed jitlob illi l-qorti:

"1. tgħid illi l-atti msemmija fuq ma jiswewx; u

"2. tordna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jroddu lill-assi ereditarji ta' Giovanni Maria Farrugia l-proprjetà li kisbu abużivament bis-saħħa ta' l-atti fuq imsemmija.

"Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

"Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

"1. ma hu minnu xejn illi l-kunsens ta' l-attur ittieħed b'qerq; u

"2. għalhekk ma hemm ebda raġuni għala l-kuntratti ta' l-14 ta' Ġunju 1999 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani għandhom jitħassru, u għala l-konvenuti għandhom iroddu lill-assi ereditarju ta' missierhom dak li kisbu bis-saħħa tat-testment tiegħu.

“Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

“Missier il-partijiet ħatar lil uliedu kollha werrieta tiegħu f’ishma ndaqs u ħalla xi legati u prelegati wkoll. Wara l-mewt ta’ missierhom, il-partijiet resqu biex jagħmlu l-att li trid il-liġi biex jiddenunzjaw il-proprjetà immobbli li għaddiet lilhom *mortis causa* u jħallsu t-taxxa relativa, u wkoll biex jagħmlu l-att ta’ immissjoni fil-pussess tal-prelegati. Dawn l-atti kienu pubblikati min-Nutar Anthony Grech Trapani fl-14 ta’ Ġunju 1999.

“Billi, iżda, xi wħud mill-konvenuti qalu illi l-attur kien ħa xi flus tal-wirt, il-ħlas tal-legati fi flus ma sarx; saret l-immissjoni fil-pussess ta’ l-immobbli mħollija bi prelegat u, fl-istess att, il-partijiet għamlu din l-istqarrija:

“Fl-aħħarnett jaqblu l-partijiet illi dan l-att ta’ immissjoni fil-pussess qed isir bla ebda preġudizzju għad-drittijiet u pretensjonijiet oħra li l-eredi jista’ jkollhom kontra xulxin viċendevolment in kwantu jirrigwarda l-eredità tad-*decuius* u għalhekk xejn f’dan l-att ma għandu jimplika aċċettazzjoni da parti ta’ l-eredi ta’ xi sitwazzjoni li tkun setgħet qamet qabel dan l-att in kwantu jirrigwarda xi kontestazzjonijiet dwar il-parti monetarja ta’ l-eredità tad-*decuius*.

“L-attur iffirma kemm l-att ta’ denunzja ta’ trasmissjoni *causa mortis* kif ukoll l-att ta’ immissjoni fil-pussess. Issa, iżda, qiegħed ifittex li jħassar iż-żewġ atti għax qiegħed igħid illi l-kunsens tiegħu ttieħed b’qerq. L-azzjoni hija mibnija fuq l-art. 974 u 981 tal-Kodiċi Ċivili:

“ **974.** Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b’egħmil doluż, ma jkunx jiswa.

“ **981.** (1) L-egħmil doluż huwa motiv ta’ nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.

“(2) L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.

"Għalkemm l-attur ma fissirx ċar fejn u fiex kien il-qerq, mix-xhieda tiegħu ħarġu dawn il-ħames ilmenti:

"1. illi n-nutar ma qarax dak kollu li kien miktub;
"2. illi hu kien iffirma bil-ħsieb illi sejjer jinqasam il-wirt kollu, iżda l-flus baqgħu ma nqasmux;
"3. illi ħutu kienu, xi jiem qabel il-pubblikazzjoni ta' l-atti, fetħu kawża kontra tiegħu u ma qalulux biha;
"4. illi waqt il-pubblikazzjoni ta' l-atti nqala' xi "diżgwid";
"5. illi hu ried illi qabel jiffirma jkellem avukat, iżda ħutu ma ħallewhx, u n-nutar qallu li kien ġià kellem lill-avukat tiegħu, u l-avukat kien bagħat igħidlu illi seta' jiffirma.

"Dwar l-ewwel allegazzjoni, *i.e.* illi n-nutar ma qarax dak kollu li kien miktub u li l-partijiet iffirmaw għalih, uħud mill-konvenuti ma qablux ma' dak li qal l-attur, u, anzi, qalu li n-nutar qara kollox b'mod li seta' jiftehem u, fejn xi ħadd qal li ma fehemx, waqaf biex ifisser dak li kien qara. In-nutar innifsu ma ttellax biex jixhed.

"Biex temmen allegazzjoni serja bħal din illi uffiċjal pubbliku kien kompliċi f'qerq Il-qorti tkun trid xhieda li tassew tista' toqgħod fuqha. L-attur mhux biss ma ressaqx provi konvinċenti iżda, anzi, ma ressaq provi xejn ħlief il-kelma tiegħu u ta' dawk fost ħutu li, fil-ġlieda fil-familja, huma "allejati" tiegħu. Kemm għax ma hix sodisfatta li tista' toqgħod fuq dik ix-xhieda kif ukoll għax, oġġettivament, l-atti li jrid iwaqqa' l-attur ma fihom xejn barra minn loku jew li jista' jagħti vantaġġ lil xi parti fuq oħra jew li jista' jkun ta' sorpriża, il-qorti ma temminx li n-nutar mexa bil-mod skorrett li qiegħed igħid l-attur.

"It-tieni allegazzjoni, u t-tielet waħda li hi marbuta magħha, huma kontestati mill-konvenuti, li jgħidu illi kienu qalu lill-attur li ma ridux li jintmissu l-flus qabel ma l-attur ikun radd il-flus tal-wirt illi huma jgħidu illi ħa, u illi kienu qalulu wkoll illi kienu qegħdin ifittxu, jew sejrin ifittxu, rimedju kontra tiegħu skond il-liġi. Il-kliem tal-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess juri ċar illi l-ftehim kien, kif qalu l-konvenuti, illi l-flus ma jinqasmux. L-attur għalhekk kien jaf illi kien qiegħed jiffirma biex isir qsim, mhux tal-wirt kollu, iżda

biss tal-beni immobbli, u li ħutu kienu qegħdin igħidu li kellhom pretensjonijiet oħra dwar il-flus, li baqgħu bla preġudizzju. Ma hemm ebda prova ta' qerq f'dan kollu.

"L-attur igħid ukoll illi nqala' xi "diżgwid". Dan id-diżgwid milli jidher inqala' meta wħud mill-konvenuti għamlu l-allegazzjoni illi l-attur ħa xi flus tal-wirt u, minħabba f'hekk, riedu jirriservaw il-pożizzjoni tagħhom billi, kif rajna, jaqsmu biss l-immobbli. L-attur, iżda, xorta baqa' ħieles jiffirmax jew le, u b'ebda mod ma jista' dan id-diżgwid jitqies xi qerq li mingħajru l-attur ma kienx jasal biex jiffirma.

"L-istess jingħad għall-aħħar allegazzjoni magħmula mill-attur. L-attur dejjem kien ħieles li ma jiffirmax jekk, qabel, ma jkunx kellem lill-avukat tiegħu. Għażel li, b'għajnejh miftuħa, jiffirma bla ma jkellem lill-avukat.

"Fid-dawl tal-fatt illi ma nġiebet ebda prova ta' qerq, huwa wkoll relevanti l-fatt l-ieħor, ġà msemmi fuq, illi l-atti li ffirma l-attur b'ebda mod ma ippreġudikaw il-pożizzjoni tiegħu, jew ċaħħduh minn xi ħaġa li kellu jedd għaliha taħt it-testment ta' missieru. Għalkemm dan il-fatt, waħdu, ma hux konklużiv, huwa indizju kontra l-qerq, għax li kieku l-konvenuti tassew qarrqu bl-attur kienu jieħdu xi vantaġġ fuqu billi jġegħluh jiffirma xi ħaġa kontra l-interessi tiegħu, iżda ma hemm xejn fl-atti ta' l-14 ta' Ġunju 1999 kontra l-interessi ta' l-attur.

"Billi l-prova tal-qerq kellha ssir mill-attur u, fil-fehma tal-qorti, din il-prova ma saritx, it-talbiet ta' l-attur ma jistgħux jintlaqgħu. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża."

**<u>L-APPELL TA' L-ATTUR</u>**

2.1. L-attur Peter Farrugia hass ruhu aggravat bis-sentenza surreferita u minnha interpona appell ghall-fini tar-revoka taghha, bl-akkoljiment tat-talbiet tieghu, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellati.

2.2. Bazikament l-aggravju ta' l-attur huwa li l-Qorti ta' l-ewwel grad ghamlet apprezzament ghal kollox zbaljat tal-provi prodotti meta huwa ma nghatax ragun fis-sentenza appellata in kwantu din erronjament irriteniet li l-attur ma gie ippregudikat bl-ebda mod bl-operat ta' hutu s-subien, ko-konvenuti fil-kawza in ezami. Ma hemmx dubbju, isostni l-appellant, illi li kieku huwa kien jaf li kienet saret kawza kontra tieghu huwa ma kienx jiffirma z-zewg atti pubblici meritu tal-kawza, izda kien jistenna l-ezitu tal-kawza li fil-frattemp kienu, *ad insaputa* tieghu, istitwew kontrih l-istess konvenuti.

2.3. Dejjem skond l-attur, l-ewwel Qorti la qieset sew ix-xiehda moghtija minnu dwar kif sehhew l-affarijiet u lanqas ic-cirkostanza li l-konvenuti hadu vantagg "ghaliex kisbu b'ingann il-firma minghand l-attur filwaqt li l-firma li kien mehtieg hu minn ghandhom baqa' ma hadhiex u l-flus ma nqassmux ghalhekk mhux minnu li l-attur 'baqa' hieles jiffirmax jew le', kif sostniet zbaljatament l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata".

2.4. Dejjem in lineja ta' apprezzament tal-provi, l-appellant jaghmel riferiment ghal siltiet mid-deposizzjonijiet li nghataw u partikolarment ix-xihdiet moghtijin mill-konvenuti nisa, ahwa tal-partijiet. Minn dawn id-deposizzjonijiet, jissottometti l-appellant, ghandu kjarament jirrizulta li "mhux biss l-attur safa' ingannat izda l-konvenuti nisa wkoll, hlief il-konvenuti subien".

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI</u>**

3.1. Il-konvenuti kollha ad eccezzjoni ta' Teresa Farrugia, wiegbu li l-appell intavolat mill-attur kien wiehed fieragh u kellu jigi michud. L-imsemmija Teresa Farrugia ma tiffigurax fir-risposta pprezentata mill-konvenuti l-ohra. Fl-istess waqt jidher ukoll li din il-konvenuta, li baqghet kontumaci, fil-fatt ma pprezentat ebda risposta separatament ghall-appell ta' l-attur u lanqas ma interponiet xi appell min-naha taghha ghal dak li gie deciz.

3.2. Il-konvenuti wiegbu li l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet ta' l-attur wara li kkunsidrat ix-xiehda li tressqet quddiemha *viva voce*. Is-sentenza moghtija kienet

tikkonsisti unikament f'apprezzament tal-fatti li gew esposti quddiem l-ewwel Qorti, u din sabet li l-verzjoni tal-konvenuti kienet aktar kredibbli minn dik moghtija mill-appellant Peter Farrugia. Ghalhekk isegwi li s-sentenza moghtija kellha tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellant Peter Farrugia.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Huwa evidenti li l-aggravju ewlieni ta' l-attur huwa dak li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament erroneju tal-provi bir-rizultat li waslet ghal konkluzjoni zbaljata. Minflok ma emmnet lill-attur, sostna l-appellant, l-ewwel Qorti dehrilha li ghandha taghti aktar piz u kredibbilita` lix-xiehda tal-konvenuti subien u spiccat biex irriteniet li ma kienx minnu li l-attur safa' ingannat. Anki l-konvenuti bniet xehdu b'mod li jikkonvalida u jaghti sostenn lit-tezi attrici, isostni l-appellant, izda l-ewwel Qorti dehrilha xort'ohra. L-attur jinsisti illi li kieku l-konvenuti urewh li kienu qeghdin jattakkawh gudizzjarjament in konnessjoni mal-flus li kellu jippercipixxi mill-wirt ta' missieru, huwa certament ma kienx japprova u jaghti l-firma tieghu biex jigu agevolati biss hutu s-subien.

5. Din il-Qorti tibda billi fl-ewwel lok tosserva li hija gurisprudenza ben stabbilita ta' din il-Qorti li qajla tiddisturba l-apprezzament tal-provi gia` maghmul mill-Qorti ta' l-ewwel grad jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet gravi li jiddettawlha xort'ohra minn kif tkun iddecidiet l-ewwel Qorti.

6.1. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi akkwiziti u hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ddecidiet korrettement u dana kif ser jigi spjegat.

6.2. Bil-kawza tieghu, l-attur qieghed ifittex li jhassar zewg atti pubblici li fihom huwa ha parti attiva u kien sahansitra wiehed mill-firmatarji, billi jghid li l-kunsens tieghu gie karpit bil-qerq. Bhala retroxena jirrizulta li omm il-kontendenti mietet fis-sena 1992 u missierhom fil-15 ta' Marzu 1999. Jirrizulta wkoll li l-kontendenti resqu ghat-trazmissjoni 'causa mortis' u immissjoni fil-pussess ta' l-immobbli fl-atti tan-nutar Anthony Grech Trapani. Dana

sehh fl-14 ta’ Gunju 1999 meta gew iffirmati z-zewg atti pubblici meritu tal-kawza (ara Dok B u dok C a fol. 9 sa 24 tal-process). L-attur jikkontendi illi li kieku hutu qalulu li fil-frattemp huma kienu istitwew kawza kontra tieghu dwar il-flus dovuti lilu bhala sehmu mill-wirt, huwa zgur ma kienx jiffirma. Huwa jghid li ftit sieghat qabel l-gheluq “tat-tliet xhur rikjesti mil-ligi” biex issir l-immissjoni *de quo*, huwa ssejjah ghand in-nutar u safa indott minn hutu biex jiffirma – u dan anke bl-ghajnuna ta’ l-imsemmi nutar li rrediga l-atti. Huwa kien wera x-xewqa li jkollu l-opportunita` li qabel jiffirma jikkonsulta ruhu ma’ avukat ta’ fiducja imma gie moghti x’jifhem li ma kienx hemm hin ghal dan il-ghan.

7. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li sabitha ferm u ferm stramba li l-konvenuti nisa jigifieri Lourdes Deguara, Katerina Busuttil u Mary Bartolo jeccepixxu li “m’huwiex assolutament minnu li l-kunsens ta’ l-attur kien b’xi mod ivvizjat bi frodi u qerq” (ara l-ewwel eccezzjoni fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet, a fol. 43 u 44 tal-process) imbaghad meta telghu jiddeponu f’partijiet mix-xiehdiet li taw quddiem l-ewwel Qorti riedu jaghtu l-impressjoni li huma ma kienux setghu isegwu sew dak li kien qieghed jigri. Jghidu per ezempju, li n-nutar kultant ghadda jaqra l-atti li sussegwentement iffirmaw b’mod li ma setghux jifhmu x’kien qed jigri. Madankollu sahansitra jirrizulta mhux biss li huma eccepew in opposizzjoni tat-talbiet attrici, imma talli mill-gdid fit-twegiba taghhom ghar-rikors ta’ appell (ara twegiba kongunta in data tas-17 ta’ Novembru 2006) huma jsostnu li s-sentenza appellata li cahdet it-talbiet ta’ l-attur, kellha tigi kkonfermata *in toto*! Dan kollu hu gia` bizzejjed biex jirrendi d-deposizzjonijiet ta’ dawn il-konvenuti bhala inattendibbli ghall-ahhar u b’mod li ftit li xejn ma jistghu jinghataw xi affidament. Ma jaghmel assolutament l-ebda sens li fl-atti tal-Qorti twiegeb espressament mod, imbaghad titla’ tixhed kwazi bil-maqlub ta’ dak li gie intavolat ghan-nom tieghek. Dak li x’aktarx gara hu li l-konvenuti nisa hassewhom urtati u ddizappuntati bil-mod kif zvolgew l-affarijiet wara li huma kienu ffirmaw biex issir possibbli l-immissjoni u baqghu ma hadu ebda flejjes mill-wirt, u allura dehrilhom opportun li jixhdu fis-sens li huma qajla setghu isegwu dak li sehh quddiem in-nutar Grech Trapani. Wahda mill-konvenuti

nisa, jigifieri Lourdes Deguara, (ara deposizzjoni a fol. 74 *et seq* tal-process) l-ewwel tibda biex tiddubita jekk tafx min kien l-avukat taghha stess (!), jigifieri l-Avukat Paul Farrugia, biex imbaghad tispicca biex tiftakar in kontro-ezami (fol. 79) li kienet anke marret tkellmu fl-ufficju legali tieghu gewwa z-Zejtun. L-istess konvenuti riedu wkoll jaghtu lill-Qorti x'tifhem li n-nutar seta' ma kkonduciex sew l-affarijiet – kif qieghed isostni l-attur – pero` meta gew biex jispjegaw sewwa sew x'sehh quddiem in-nutar, huma ftit li xejn kienu konvincenti. Hekk, per ezempju, il-konvenuta Katerina Busuttil (fol. 100) stqarret hekk:
"(In-nutar) Kien hemm beda jaqra, kien hemm beda jaqra imma ahna certu kliem tal-ligi, nghid ghalija jien, ma nifhmux; issa jekk beda jhalli barra ma nafx, ma jidhirlix jien, imma jiena li stajt nifhem skond kif beda jghid, li morna hemmhekk biex niffirmaw ghad-Denunzja u finalment biex niehdu dak li halla l-papa`. Dak kollox."

8. It-tezi ta' l-attur li huwa safa' ingannat minn hutu s-subien bil-ghajnuna tan-nutar lanqas ma tirrizulta sufficjentement mill-provi. Bil-fatt li n-nutar lesta t-triq u rrediga l-atti necessarji biex jinghata bidu ghal dak li jissemma' fl-atti testamentarji tal-genituri tal-kontendenti, komprizi l-immissjoni fil-pussess ta' l-immobbli, ma kienx ifisser li n-nutar ried iqarraq b'xi hadd, u l-istess jinghad ghall-fatt li n-nutar seta' tahom x'jifhmu li 'l quddiem il-flus ukoll kellhom eventwalment jitqassmu, kif gie mholli fit-testment. Issa bil-fatt li l-konvenuti subien harrku lil huhom, lill-attur jigifieri, in konnessjoni ma' xi irregolaritajiet li dana allegatament ghamel a skapitu tal-wirt, b'daqstant ma jfissirx li gie pprattikat il-qerq. Anzi minn qari ta' l-att tat-trazmissjoni notarili – ara Dok. B, a fol. 9 *et seq* tal-process – tnizzel espressament li gej min-Nutar Grech Trapani,
"Inoltre, jaqblu l-partijiet illi dan il-kuntratt ta' trasmissjoni ta' proprieta` 'causa mortis' qed isir bla ebda pregudizzju ghall-pretensjonijiet u drittijiet ohra illi l-eredi jista' jkollhom kontra xulxin vicendevolment in kwantu jirrigwarda l-eredita` tad-Decujus u ghalhekk xejn f'dan l-att ma ghandu jimplika accettazzjoni da parti ta' l-eredi ta' xi sitwazzjoni li tkun setghet qamet qabel dan l-att in kwanti

jirrigwarda xi kontestazzjonijiet dwar il-parti monetarja ta' l-eredita` tad-Decujus".

Asserzjoni bhal din kienet turi car u tond li fil-fatt kien hemm min, fost il-partijiet kontraenti, ried jikkawtela l-posizzjoni tieghu u jekk il-partijiet dehrilhom li jkun opportun li minkejja li tnizzel tali "proviso" huma kellhom xorta wahda jghaddu ghall-firma, dina kienet decizjoni libera taghhom.

9. Mill-provi prodotti ghandu inoltre jirrizulta li originarjament kien l-attur stess li mar ifittex ripetutatment lin-nutar Grech Trapani biex dak li kellu jsehh permezz tan-nutar jitwettaq. Di fatti l-attur jixhed hekk (ara fol.58),
"Dana (missieri) miet u jumejn wara mort ghand in-nutar jien, fejn gharraftu li hu miet. In-nutar qalli, qalli "Irid jigi kulhadd biex taghmlu l-kuntratt". Insomma, jiena minn dak in-nhar, minn jumejn wara, mort kwazi kuljum u nghidlu 'meta se tghajtilhom lil huti?" U jghidli "Issa nghidilhom, ninfurmahom b'ittra". Tajjeb. It-testment missieri ghamlu li fi zmien tliet xhur jinqasam kollox, hemm testment jigifieri, miktub. Jinqasam kollox. Jigifieri l-eredi jiehdu l-wirt li halla missieri u ommi. Il-fatti ma grawx hekk. Sitt sieghat qabel it-tliet xhur, ghajtilna biex naghmlu kuntratt. Jiena ridt avukat, lis-Sur Dottor Fenech Adami, u qalli, in-nutar qalli "Qallek l-avukat trid tiffirma ghax inkella tehlu xi multa". Dik hi l-istorja. Jiena gejt iffirmajt taht frodi qisni. …………"

Il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, kienet tistenna lil xi hadd mill-kontendenti, pero` b'mod partikolari lill-attur, biex ta' lanqas jigi prodott b'xhud in-nutar Grech Trapani biex dana, bhala funzjonarju pubbliku, jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti izda dan baqa' ma ttellax biex jixhed. Seta' kien li l-attur wera x-xewqa li kien ikun f'qaghda ahjar li kieku kkonsulta ruhu ma' avukat imma ma hemm xejn x'jindika li l-attur ma kienx liberu li jiffirma jew li gie imgieghel li jiffirma forzatament. Wara kollox huwa minnu li kien hemm "deadline" ta' tliet (3) xhur, u l-attur kien edott minn dan il-fatt, ghaliex semmieh ukoll fix-xiehda tieghu. L-attur altru milli kellu opportunita` li jikkonsulta ruhu ma' l-avukat ta' fiducja tieghu qabel ma ssejjah biex jiffirma, quddiem

in-nutar. Fl-ahharnett, bil-fatt li l-konvenuti hutu agixxew kontra tieghu b'citazzjoni *ad hoc* ma jfissirx necessarjament li dawn ser jinghataw bilfors ragun fis-sens li l-ezitu ser ikun favurihom. Jekk jigri hekk allura jkun ifisser li, wara kollox, dawn il-konvenuti kellhom raguni valida l-ghala kellhom jiehdu passi legali kontra huhom. Il-fatt li l-kawza bdewha qabel ma huwa ffirma ma jbiddel xejn mill-posizzjoni ta' l-attur. Kif korrettement irriteniet l-ewwel Qorti:

"L-attur ghalhekk kien jaf illi kien qieghed jiffirma biex isir qsim, mhux tal-wirt kollu, izda biss tal-beni immobbli, u li hutu kienu qeghdin jghidu li kellhom pretensjonijiet ohra dwar il-flus, li baqghu bla pregudizzju. Ma hemm ebda prova ta' qerq f'dan kollu."

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-aggravju ta' l-attur huwa infondat u qieghed jigi respint.

Ghaldaqstant qeghdha tiddisponi minn dana l-appell billi tichdu u tikkonferma ghalhekk is-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------